MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Numru. 298/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**BRIAN ABELA ta’ 32 sena, iben Vincent u Mary Grace nee’ Delia, imwieled tal-Pieta’ nhar it-22.12.1977, residenti fil-fond 33, Sqaq Brittaniku nru 2, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 48878M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **BRIAN ABELA** li gie akkuzat talli:

1. F’Rahal Gdid, nhar l-20 ta’ Dicembru, 2002 ghall-habta tas-sitta ta’ fil-ghodu, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva, reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-

tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

2. U aktar talli fl-istess data, ghall-habta ta’ nofs il-lejl, gewwa Triq The Strand, f’Tas-Sliema, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Gzira.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 5);

Rat illi l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti, u dan skond kif hemm registrat fl-interrogatorju li sar fis-seduta ta’ nhar it-12.11.2004, a folio 6 ta’ l-atti.

Rat illi fis-seduta ta’ nhar is-27.05.2009 l-imputat ghazel illi jirregistra ammissjoni, u dan wara li gie moghti zmien mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat id-dokumenti kollha ezebit;

Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lil Brian Abela hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara lirat l-Artikoli 110 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat dwar il-piena l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In vista’ ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, anke wara li rat illi l-fedina penali ta’ l-imputat hija wahda netta, tikkundanna lil Brian Abela ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi

ghal sena (1), u dan wara lirat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal interdizzjoni generali ta’ hames (5) snin;
Tordna konsegwentement li tali nterdizzjoni tigi debitament ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tramite r-Registratur tal-Qorti, dan anke wara li rat l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Maqlta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali ghall-ammont ta’ €470.94 fi zmien gimgha (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------